Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2316

16.10.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2316

tal-15 ta' Ottubru 2026

dwar ir-rikonoxximent tal-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED" biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi, għall-karburanti mill-bijomassa, għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/607

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(4) u (5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tistabbilixxi rekwiżiti għal ċerti fjuwils, b'mod partikolari l-bijokarburanti, il-bijolikwidi, il-karburanti mill-bijomassa, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-karburanti tal-karbonju riċiklat biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jingħaddu lejn il-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva jekk dawn ikunu ġew prodotti b'mod sostenibbli u jiffrankaw emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-fjuwils fossili. L-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jistabbilixxi kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti mill-bijomassa.

(2) L-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 ([2]) jistabbilixxu l-kriterji biex jiġi ddeterminat liema materja prima għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti mill-bijomassa għandha riskju għoli ta' bidla indiretta fl-użu tal-art, minn naħa waħda, u min-naħa l-oħra liema bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' bidla indiretta fl-użu tal-art li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet jistgħu jiġu ċċertifikati bħala li għandhom riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art.

(3) L-Artikolu 27(6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1184 ([3]) jistabbilixxu regoli għad-determinazzjoni tas-sehem tal-elettriku rinnovabbli użat għall-produzzjoni tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. L-Artikolu 29a(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jistabbilixxi kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 ([4]) jistabbilixxi regoli li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kemm minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif ukoll minn karburanti tal-karbonju riċiklat. L-Artikolu 31a (2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jdaħħlu informazzjoni f'bażi tad-data tal-Unjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà: (i) tal-karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi; u (ii) tal-karburanti tal-karbonju riċiklat.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/807/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1184 tal-10 ta' Frar 2023 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi metodoloġija tal-Unjoni li tistipula regoli dettaljati għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika (ĠU L 157, 20.6.2023, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1184/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 tal-10 ta' Frar 2023 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat u billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat (ĠU L 157, 20.6.2023, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1185/oj).

(4) L-iskemi volontarji jaqdu rwol importanti billi jipprovdu evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-karburanti mill-bijomassa. Skont id-Direttiva (UE) 2018/2001, l-iskemi volontarji jistgħu jintużaw biex jiċċertifikaw il-konformità tal-karburanti kollha prodotti mill-bijomassa mal-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti f'dik id-Direttiva u jipprovdu data preċiża dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom. Barra minn hekk, l-iskemi volontarji jistgħu jintużaw biex jiċċertifikaw il-konformità tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u tal-karburanti tal-karbonju riċiklat mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 29a ta' dik id-Direttiva li japplikaw il-metodoloġija stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1185 u biex jagħtu prova tal-konformità mal-Artikolu 27(6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u mar-Regolament Delegat (UE) 2023/1184 rigward il-kalkolu tas-sehem tal-elettriku rinnovabbli użat għall-produzzjoni tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. Skont l-Artikolu 31a(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-iskemi volontarji jistgħu jintużaw ukoll biex tingħata prova li l-operaturi ekonomiċi jdaħħlu informazzjoni preċiża fil-bażi tad-data tal-Unjoni jew nazzjonali dwar ċerti fjuwils rinnovabbli u karburanti tal-karbonju riċiklat. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-iskemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali jistgħu jservu dawn il-finijiet kollha jew xi whud minnhom.

(5) Fis-27 ta' Awwissu 2020, l-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED" ("l-iskema RSB") ressqet talba lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Il-Kummissjoni vvalutat l-iskema u identifikat xi kwistjonijiet li jirrikjedu emendi.

(6) Fl-24 ta' Ġunju 2021, l-iskema RSB ressqet mill-ġdid it-talba tagħha, li biha indirizzat il-kwistjonijiet identifikati mill-Kummissjoni. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/607 ([5]), li tirrikonoxxi l-iskema RSB bħala waħda li turi l-konformità fil-każ tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa: (i) mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (5) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001; (ii) mal-kriterji ta' riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/807; u (iii) mal-obbligu li tiddaħħal informazzjoni preċiża fil-bażi tad-data tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-karburanti rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat fis-settur tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 28(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 fil-verżjoni fis-seħħ fid-19 ta' Novembru 2023. L-iskema RSB ġiet rikonoxxuta wkoll peress li wriet il-konformità fil-każ tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa għall-fini tal-Artikolu 29(10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, sa fejn l-iskema tiżgura li l-informazzjoni rilevanti kollha mogħtija mill-operaturi ekonomiċi upstream fil-katina tal-kustodja tingħadda lill-operaturi ekonomiċi downstream fil-katina tal-kustodja.

(7) Fil-15 ta' Lulju 2025, l-iskema RSB ressqet talba lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat. Il-Kummissjoni vvalutat l-iskema taħt it-talba l-ġdida u identifikat xi kwistjonijiet li jirrikjedu emendi. Fit-tressiq mill-ġdid tagħha tat-30 ta' Settembru 2025, l-iskema RSB indirizzat il-kwistjonijiet b'mod korrett.

(8) Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-iskema: (i) tkopri b'mod adegwat ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 27(6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1184 għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika; (ii) tipprovdi data preċiża dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat għall-finijiet tal-Artikolu 29a(1) u (2) ta' dik id-Direttiva; u (iii) hija konformi mal-metodoloġija stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1185, li jipprovdi metodoloġija li tintuża għall-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal dawk il-fjuwils.

(9) Fir-rigward tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, l-iskema tkopri l-materja prima kollha, inkluż l-iskart u r-residwi u l-katina tal-kustodja kollha (għall-bijometan mill-unità tal-produzzjoni sal-punt tal-injezzjoni fl-infrastruttura interkonnessa tal-gass). L-iskema tkopri wkoll it-tipi kollha ta' karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u karburanti tal-karbonju riċiklat u tinkludi l-katina tal-kustodja kollha. Għandha kopertura ġeografika globali.

(10) Fil-valutazzjoni tagħha tal-iskema RSB, il-Kummissjoni sabet li din tilħaq l-istandards adegwati ta' affidabbiltà, ta' trasparenza u ta' awditjar indipendenti u hija konformi fil-każ tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa mar-rekwiżiti metodoloġiċi stabbiliti fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/607 tat-8 ta' April 2022 dwar ir-rikonoxximent tal-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED" biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi, il-karburanti mill-bijomassa, il-karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u l-karburanti tal-karbonju riċiklat (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 197, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/607/oj).

(11) Barra minn hekk, l-iskema tapplika metodoloġija tal-bilanċ tal-massa f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(12) Fl-aħħar nett, fil-valutazzjoni tagħha tal-iskema RSB, il-Kummissjoni sabet ukoll li din tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/996 ([6]).

(13) Għal raġunijiet ta' trasparenza u ċarezza, huwa xieraq li jiġu stabbiliti b'mod komprensiv il-kriterji kollha tas-sostenibbiltà u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li l-iskema RSB titqies li tkopri b'mod adegwat. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/607 titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(14) L-informazzjoni li l-iskema RSB ġiet rikonoxxuta jenħtieġ li tkun disponibbli fit-taqsima fuq is-sit web Europa tal-Kummissjoni ddedikata għall-iskemi volontarji.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED", kif imressqa lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fl-24 ta' Ġunju 2021 u fit-30 ta' Settembru 2025, turi, għall-karburanti rinnovabbli u għall-karburanti tal-karbonju riċiklat awditjati bħala parti mill-iskema, dan li ġej:

(a) il-konformità tal-konsenji tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (5) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(b) il-konformità tal-konsenji tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa mal-kriterji ta' riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/807;

(c) li fiha wkoll data preċiża dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-fini tal-Artikolu 29(10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, sa fejn tiżgura li l-informazzjoni rilevanti kollha mogħtija mill-operaturi ekonomiċi upstream fil-katina tal-kustodja tingħadda lill-operaturi ekonomiċi downstream fil-katina tal-kustodja;

(d) il-konformità tal-konsenji ta' fjuwils ta' oriġini mhux bijoloġika mal-Artikolu 27(6), l-ewwel sar-raba' subparagrafu tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/1184;

(e) li fiha data preċiża dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' karburanti tal-karbonju riċiklat għall-fini tal-Artikolu 29a(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u li dan l-iffrankar ġie kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185;

(f) il-konformità tal-operaturi ekonomiċi mal-obbligu li jdaħħlu informazzjoni preċiża fil-bażi tad-data tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-karburanti likwidi u gassużi rinnovabbli u l-karburanti tal-karbonju riċiklat f'konformità mal-Artikolu 31a(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Artikolu 2

Meta l-kontenut tal-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED", kif imressqa lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fl-24 ta' Ġunju 2021 u fit-30 ta' Settembru 2025, jinbidel b'mod li jista' jaffettwa l-ġustifikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED" għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn il-bidliet mingħajr dewmien.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet innotifikati bil-ħsieb li tiddetermina jekk l-iskema volontarja "Roundtable on Sustainable Biomaterials (RSB) EU RED" għadhiex tkopri b'mod adegwat il-kriterji li għalihom ġiet rikonoxxuta.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/996 tal-14 ta' Ġunju 2022 dwar ir-regoli biex jiġu verifikati l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kriterji ta' riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 168, 27.6.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/996/oj).

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/607 titħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika sal-5 ta' Novembru 2031.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN